



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.11.2012
COM(2012) 648 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

**dwar kif ħadmet il-koperazzjoni lokali ta' Schengen fl-ewwel sentejn tal-
implimentazzjoni tal-kodiċi dwar il-viżi**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar kif ħadmet il-koperazzjoni lokali ta' Schengen fl-ewwel sentejn tal-implimentazzjoni tal-kodiċi dwar il-viżi

I. INTRODUZZJONI

Fil-komunikazzjoni li ħarġet fit-18 ta' Novembru 2011 dwar l-approċċ globali fil-kwistjoni tal-migrazzjoni u l-mobbiltà¹, il-Kummissjoni saħqet li l-promozzjoni u l-iffaċilitar tal-mobbiltà tan-nies huma element strateġiku tal-linja politika tal-UE favur il-migrazzjoni esterna. Din il-linja politika tapplika għal firxa wiesgħa ta' nies, pereżempju il-viżitaturi għal fitt żmien, it-turisti, l-istudenti, ir-riċerkaturi, in-negozjanti u n-nies li jkunu qed iżuru lil membri tal-familja. Għalhekk, il-mobbiltà hija dimensjoni importanti tal-mod globali kif qed taħdem l-UE f'dan il-qasam. Il-mobbiltà u l-linja politika dwar il-viżi huma marbutin flimkien mill-qrib. Fl-2011 nħarġu madwar 12-il miljun viża għal żmien qasir min-naħa tal-Istati Membri li joħorġu l-"viżi ta' Schengen". Il-linja politika dwar il-viżi hija element kruċjali għal kwalunkwe linja politika favur il-mobbiltà li tkun taħseb għaż-żmien li ġej.

Bħala parti mir-rispons tagħha għall-iżviluppi storiċi li qed iseħħu fin-naħa t'isfel tal-Mediterran, fil-Komunikazzjoni li ħarġet fl-24 ta' Mejju 2011 il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li jiġi varat Djalogu dwar il-Migrazzjoni, il-Mobbiltà u s-Sigurtà mal-pajjiżi tan-naħa t'isfel tal-Mediterran. Dan jista' jwassal biex jinħolqu Sħubiji għall-Mobbiltà mal-Eġittu, mal-Marokk, mat-Tuneżija u mal-Libja. Il-Kunsill, f'formazzjonijiet differenti u inkluż fil-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2011, qabel ma' dan il-ħsieb. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rapport għandhom jagħtu kas ukoll ta' dawn l-iżviluppi.

Dan ir-rapport primarjament jindirizza l-implimentazzjoni tal-koperazzjoni lokali ta' Schengen u jagħmel rakkomandazzjonijiet biex din il-koperazzjoni tissaħħaħ u titjieb. Barra minn dan, fih rakkomandazzjonijiet li jiffukaw fuq ċerti aspetti reġjonali bħall-kopertura konsulari li torbot ma' wħud mill-prijoritajiet li ġew proposti fil-Komunikazzjoni dwar il-mod globali.

II. IL-KOPERAZZJONI LOKALI TA' SCHENGEN — OSSERVAZZJONIJIET ĠENERALI

Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jstabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)² daħal fis-seħħ fil-5.10.2009 u ilu applikabbli mill-5.4.2010. Il-Kodiċi dwar il-Viżi jfassal mill-ġdid il-leġislazzjoni eżistenti dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi għal żmien qasir (i.e. viżi għal żmien qasir li ma jaqbiż id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum, u viżi ta' tranżitu tal-ajruport). B'konformità mal-Artikolu 51 tal-Kodiċi dwar il-Viżi, tfasslu "struzzjonijiet dwar l-applikazzjoni Prattika tal-Kodiċi dwar il-Viżi": Fid-19.3.2010 ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2010) 1620 finali li tistabbilixxi l-Manwal dwar l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viżi u dwar il-modifika ta' viżi maħruġin, maħsub

¹ COM(2011) 743 finali

² ĠU L 243, 15.9.2009, p 1.

għall-persunal konsulari li jipproċessa l-applikazzjonijiet għall-viżi³, u f'Ġunju 2010 ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2010) 3667 finali li tistabbilixxi Manwal għall-organizzazzjoni tas-sezzjonijiet tal-viżi u tal-koperazzjoni lokali ta' Schengen, maħsub għall-awtoritajiet responsabbli mill-organizzazzjoni tas-servizzi konsulari u għal dawk li huma involuti fil-koperazzjoni lokali ta' Schengen⁴.

Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi dwar il-Viżi huma applikati b'mod universali mill-konsulati tal-Istati Membri⁵. Madankollu, minħabba d-differenzi li jeżistu fiċ-ċirkustanzi lokali, il-leġiżlaturi għarf u l-ħtieġa li jiggarantixxu li jkun hemm koperazzjoni koerenti bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-livell lokali sabiex ikun hemm applikazzjoni armonizzata tad-dispożizzjonijiet legali ġenerali b'mod li jagħti kas taċ-ċirkustanzi lokali: "Il-koperazzjoni lokali ta' Schengen hija kruċjali għall-applikazzjoni armonizzata tal-linja politika komuni dwar il-viżi u biex issir valutazzjoni tajba tar-riskji migratorji u/jew ta' sigurtà. Minħabba d-differenzi fiċ-ċirkostanzi lokali, l-applikazzjoni operattiva ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi partikolari għandha tkun evalwata fost il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri f'postijiet individwali sabiex tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi biex jiġu evitati l-'visa shopping' u trattamenti differenti tal-applikanti għal viża" (il-Premessa 18 tal-Kodiċi dwar il-Viżi).

Iċ-ċirkostanzi lokali" għandhom x'jaqsmu ma' aspetti bħall-evidenza dokumentata ta' ngħidu aħna, ix-xogħol, skont l-organizzazzjoni amministrattiva u legali tal-pajjiż ospitant; jew l-ispeċifiċitajiet tal-kategoriji differenti ta' applikanti f'pajjiż terz partikulari, pereżempju mill-aspett tal-pressjoni migratorja.

L-Artikolu 48 tal-Kodiċi dwar il-Viżi jistabbilixxi l-qafas legali għall-koperazzjoni lokali ta' Schengen (KLS), kif ukoll it-tqassim tal-kompiti. Dawn il-kompiti għandhom x'jaqsmu l-iktar mal-valutazzjoni tal-ħtieġa li jiġu armonizzati l-listi ta' dokumenti ta' sostenn li jridu jitressqu mill-applikanti għall-viża f'pajjiż partikulari, mal-kriterji komuni għall-implimentazzjoni ta' tneħħija mhux obligatorja tat-tariffi tal-viża għal ċerti kategoriji ta' applikanti, mal-konsistenza tal-informazzjoni pprovduta lill-applikanti għall-viża u mal-iskambju tal-informazzjoni rilevanti bejn il-konsulati tal-Istati Membri preżenti f'post partikulari.

Il-KLS hija komputu kollettiv li jrid jinqasam bejn il-konsulati tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, fil-prinċipju permezz tad-Delegazzjonijiet tal-UE. F'Marzu 2010, is-Servizzi tal-Kummissjoni stiednu lill-Kapijiet kollha tad-Delegazzjonijiet tal-UE biex jinnominaw lil xi ħadd minn fost il-membri tal-persunal tagħhom biex ikun responsabbli mill-kordinazzjoni tal-KLS.

Ir-rwol tal-Kummissjoni hu li torganizza l-laqgħat tal-KLS u li tiżgura t-tfassil konsistenti ta' rapporti tal-laqgħat. Il-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għat-tfassil ta' rapporti annwali f'kull ġuriżdizzjoni.

Il-kordinazzjoni tal-KLS ma toffrix l-istess sfida kullimkien: jiddependi, fost affarijiet oħrajn, mill-għadd ta' Stati Membri preżenti, minn jekk ikunx hemm konsulati li joħorġu l-viżi f'postijiet barra mill-kapitali, u minn jekk iċ-ċittadini tal-pajjiż ospitant jintalbu il-viża.

³ C(2010) 1620 finali — emendata permezz ta' C(2011) 5501 finali (4.8.2011).

⁴ C(2010) 3667 finali.

⁵ Għal raġuni ta' sempliċità, f'dan it-test kollu kemm hu l-kelma "konsulati" qed tintuża biex tkopri l-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri.

Ta' min jinnota li fi 22 stat terz⁶ ma hemm l-ebda konsulati tal-Istati Membri, jiġifieri l-KLS hija irrilevanti; u f'31 post ma hemmx delegazzjonijiet tal-UE, li jfisser li l-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni dwar kif inhuma l-affarijiet fir-rigward tal-KLS.

Skont il-Kodiċi dwar il-Viżi (l-Artikolu 48(5) it-tieni subparagrafu), f'kull ġurisdizzjoni jrid jiġfessal rapport annwali li għandu jkun ippreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Minħabba r-rwol essenzjali tal-KLS fl-implimentazzjoni armonizzata tal-linja politika komuni dwar il-viżi u wkoll minħabba l-esperjenza miksuba sa issa, dan ir-rapport għandu l-għan li jivvaluta kif ħadmet il-KLS minn mindu beda jiġi applikat il-Kodiċi dwar il-Viżi u li jipprovdi gwida dwar kif tista' titjieb, filwaqt li wieħed jistenna l-evalwazzjonijiet li l-Kummissjoni se tressaq fl-2013 u fl-2014 kif previst fl-Artikolu 57 tal-Kodiċi.

- *Metodoloġija*

F'Marzu 2011 u 2012 rispettivament, lid-delegazzjonijiet kollha tal-UE ntbagħtilhom mudell tar-rapport annwali li jrid isir għal kull ġurisdizzjoni, li kien jelenka l-kwistjonijiet ewlenin li jridu jiġu koperti. Ir-rapporti kellhom ikopru l-perjodu minn April 2010 sa Marzu 2011 u minn April 2011 sa Marzu 2012. Fl-2011, ġew ippreżentati 70 rapport u sa Lulju 2012 kienu ġew ippreżentati 71. Dan ifisser li, għal diversi raġunijiet, kien baqa' 50 li ma tressqux għal kull perjodu ta' rappurtar. Ma nħatar ħadd biex iservi bħala punt ta' kuntatt tal-KLS jew inkella l-punt ta' kuntatt ma jiħux sehem attiv fil-KLS (bejn wieħed u ieħor 30 delegazzjoni tal-UE); ma sseħħ l-ebda koperazzjoni skont il-Kodiċi dwar il-Viżi minħabba li fil-post hemm biss Stat Membru wieħed jew tnejn biex joħorġu l-viżi (27 post), jew minħabba li ċ-ċittadini tal-istat ospitant mhumiex suġġetti għar-rekwiżiti tal-viża u f'it li xejn jinħarġu viżi, u ma sseħħ l-ebda koperazzjoni bejn l-Istati Membri.

III. EVALWAZZJONI DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-KLS

1. Jibda jiġi applikat il-qafas legali l-ġdid għall-KLS

Il-Kummissjoni teżerċita r-rwol tagħha ta' kordinazzjoni tal-KLS permezz tad-Delegazzjonijiet tal-UE. Hekk kif ġew innominati, il-punti ta' kuntatt tal-KLS irċevew sett bażiku ta' mistoqsijiet li jsiru ta' spiss dwar il-Kodiċi dwar il-Viżi, il-KLS u l-kompiti li jridu jitwettqu. Il-punti ta' kuntatt tal-KLS għandhom aċċess għall-Manwali tal-Kodiċi dwar il-Viżi u taġħrif essenzjali ieħor dwar is-CIRCA⁷. L-unità tad-DĠ HOME li hi responsabbli mill-politika dwar il-viżi tipprovdi taġħrif dwar il-ħidma li tkun għaddejja f'entitajiet rilevanti fil-Kummissjoni, fil-PE u fil-Kunsill filwaqt li sservi ta' "servizz ta' assistenza" billi toffri sostenn dirett u operazzjonali lid-delegazzjonijiet tal-UE.

Ġeneralment, il-punti ta' kuntatt tal-KLS iġergru b'mod partikulari dwar in-nuqqas ta' taħriġ strutturat dwar il-Kodiċi dwar il-Viżi u, b'mod ġenerali, dwar il-linja politika komuni dwar il-viżi. Dan, naturalment, għandu jiġi indirizzat fil-futur.

⁶ Sbatax minn dawn huma pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma suġġetti għar-rekwiżit tal-viża u ħamsa huma pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom mhumiex suġġetti għar-rekwiżit tal-viża.

⁷ CIRCA: Amministratur taċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Komunikazzjoni u l-Infommazzjoni (Communication Information Resource Centre Administrator), applikazzjoni fuq l-internet għall-iskambju tal-infommazzjoni.

Matul il-perjodu ta' referenza, membri tal-persunal mid-DĠ HOME taw peżentazzjonijiet ġenerali lil dawk li kellhom jiġu stazzjonati barra minn pajjiżhom fil-qafas tas-seminars organizzati mid-DĠ RELEX, u mbagħad is-SEAE.

Barra minn hekk, mill-valutazzjoni beda jidher ċar li l-konsulati tal-Istati Membri ma kinux ġew mgħarrfin biżżejjed dwar il-qafas legali ġdid u xi wħud qalu li, qabel ma ssir valutazzjoni tal-ħtiġijiet għall-armonizzazzjoni fil-livell lokali jew qabel ma jitfasslu r-rapporti annwali, ikun hemm bżonn ta' struzzjonijiet mingħand l-awtoritajiet ċentrali tagħhom.

2. Laqgħat tal-KLS

Ġeneralment, il-laqgħat isiru kull xahrejn, jew aktar spiss jekk ikun hemm il-ħtieġa. Bħalissa l-laqgħat tippresjedihom id-delegazzjoni tal-UE jew inkella jippresjeduhom flimkien id-delegazzjoni tal-UE u l-presidenza li ddu. Huwa biss fi ftit ġuriżdizzjonijiet li Stat Membru jippresjedi waħdu jekk ikun ġie nnominat punt ta' kuntatt tal-KLS. Tali qsim tal-kompiti jew delega tal-kompiti huma previsti fil-Kodiċi dwar il-Viżi (l-Artikolu 48(4)).

Jidher li għal-laqgħat ikun hemm *attendenza* pjuttost tajba u jidher li l-kontinwità li l-involvement tad-Delegazzjonijiet tal-UE jiggerantixxi qed tiġi apprezzata. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi dwar il-Viżi (i.e. l-Artikolu 48(6) u l-linji gwida stabbiliti fit-tieni Manwal, Parti II, punt 4.2), ir-rappreżentanti ta' Stati Membri li mhumiex japplikaw il-linja politika komuni dwar il-viżi qegħdin b'mod sistematiku jiġu mistednin biex jattendu tali laqgħat. Mill-banda l-oħra, mhux ċar jekk l-obbligu li b'mod sistematiku jiġu mistednin ukoll Stati assoċjati u t-tliet Stati Membri li għadhom ma bdewx japplikaw il-linja politika komuni dwar il-viżi, hux qed jiġi rrispettat bis-siħ fil-ġuriżdizzjonijiet kollha.

Ir-rapporti komuni qed jitfasslu, iżda dawn spiss ma jkunx fihom konklużjonijiet operazzjonali, li jfisser li ma jkunx hemm azzjonijiet ta' segwitu fir-rigward tal-kwistjonijiet li jitqajmu. Il-biċċa l-kbira tal-punti ta' kuntatt tal-KLS sistematikament jgħaddu r-rapporti lill-Kummissjoni u jaħdmu fuq is-suppożizzjoni li anki l-konsulati tal-Istati Membri jgħadduhom lill-awtoritajiet ċentrali rispettivi tagħhom, kif stipulat fil-Kodiċi dwar il-Viżi (l-Artikolu 48(5)). Dawn mhux dejjem jgħaddu għand l-Istati Membri, li huwa dnu, għax dan ifisser li dawn jew jibqgħu bla ebda informazzjoni dwar il-konklużjonijiet jew dwar il-kwistjonijiet li jkunu tqajmu, jew inkella li jirċievu verżjoni li tkun differenti minn dik li tkun tqassmet lokalment u lill-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-konnoxxenza ta' kif fil-fatt jiġi implimentat il-Kodiċi dwar il-Viżi għadha mxerrda ħafna u l-ilmenti tal-pajjiżi terzi ma jistgħux jiġu vvalutati tajjeb.

3. Kompiti operattivi konkreti li jridu jitwettqu fil-qafas tal-KLS

3.1. Valutazzjoni tal-ħtieġa li jiġu armonizzati l-listi tad-dokumenti ta' sostenn

F'dan l-istadju tal-bidu tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi, il-ħidma biex jiġu stabbiliti listi ta' dokumenti ta' sostenn hija waħda mill-aktar biċċiet xogħol importanti tal-KLS u għandha l-iktar impatt viżibbli meta wieħed jara l-affarijiet minn għajnejn l-applikanti għall-viża u l-awtoritajiet lokali. Madankollu, sa Lulju 2012 (i.e. aktar minn sentejn wara li beda jiġi applikat il-kodiċi), kienu ġew adottati biss ħames Deċizzjonijiet tal-Kummissjoni li jkopru seba' KLS (il-Bosnja-Herzegovina, iċ-Ċina, l-Indoneżja, l-Arabja Sawdija, is-Sri Lanka, it-Turkija, il-Vjetnam, l-Eġittu, ir-Renju Unit, iċ-Ċili, il-Każakistan, in-Nikaragwa u n-Niġerja) u x-xogħol mexxa fir-rigward ta' 18-il KLS oħra madwar id-dinja. Hemm diversi raġunijiet għal dan in-nuqqas ta' progress: Stati Membri li jibqgħu pass lura fil-livell lokali, milli jidher minħabba li ma jkunux jafu bl-obbligu legali li jwettqu din il-valutazzjoni;

konsulati ta' ċerti Stati Membri li ma jkunux jafu sew dwar l-applikazzjoni ta' linja politika komuni dwar il-viżi; il-preżenza ta' Stat Membru wieħed jew tnejn, li ovvjament jirrendi l-armonizzazzjoni inqas rilevanti; iċ-ċittadini tal-Istat ospitant ma jkunux suġġetti għar-rekwiżit tal-viża, u allura l-armonizzazzjoni titqies bħala mhux meħtieġa. Hemm denominatur komuni wieħed għall-biċċa l-kbira tat-30 KLS li wettqu dan il-kompitu: f'dawn il-postijiet, id-Delegazzjoni tal-UE investiet riżorsi konsiderevoli fil-kordinazzjoni tal-ħidma f'koperazzjoni mill-qrib mal-konsulati tal-Istati Membri.

3.2. Skambju ta' informazzjoni dwar it-tneħħija mhux obligatorja tat-tariffi tal-viża u valutazzjoni tal-ħtieġa li jkun hemm kriterji komuni

Skont l-Artikolu 16(5), Stat Membru jista' jneħħi t-tariffa tal-viża għal tliet kategoriji speċifiċi ta' nies⁸. Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm applikazzjoni armonizzata tat-tneħħija mhux obligatorja tat-tariffi tal-viża fl-istess ġurisdizzjoni bil-għan li ma jkunx hemm trattament inugwali tal-applikanti għall-viża u "visa shopping", ġiet miżjuda d-dispożizzjoni li ġejja (l-Artikolu 16(5), l-aħħar paragrafu): *'Fi ħdan il-koperazzjoni lokali ta' Schengen, l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jarmonizzaw l-applikazzjoni ta' dawn l-eżenzjonijiet.'* Skont l-Artikolu 48(1) *"Għal dak il-għan il-KLS se tivvaluta l-ħtieġa li jiġu stabbiliti b'mod partikolari." "(b) 'kriterji komuni għall-eżami ta' applikazzjonijiet rigward eżenzjonijiet mill-ħlas tat-tariffa tal-viża skont l-Artikolu 16(5)'.*

Din il-valutazzjoni twettqet fil-biċċa l-kbira tal-postijiet u għadu kmieni wisq biex wieħed jevalwa sa liema punt id-differenzi fil-mod kif l-Istati Membri qed japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jwasslu għall-"visa shopping". Iżda anki jekk f'post partikulari l-konsulati tal-Istati Membri jaqblu li tali armonizzazzjoni tkun xi ħaġa mixtieqa, din ma tistax titwettaq fil-prattika, minħabba li f'xi Stati Membri d-deċiżjonijiet dwar it-tneħħija mhux obligatorja tat-tariffi tal-viża jittieħdu fil-livell ċentrali. Din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata fil-futur.

3.3. Skambju ta' informazzjoni dwar it-tariffa tal-viża imposta fil-munita lokali u valutazzjoni tal-ħtieġa li jkun hemm armonizzazzjoni

Skont l-Artikolu 16(7), it-tieni paragrafu, *"Meta l-ammont tat-tariffa tal-viża jkun impost f' munita li mhijiex l-Euro,...għandu jkun determinat u rivedut b'mod regolari fl-applikazzjoni tar-rata tal-kambju ta' referenza esterna tal-euro stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew. L-ammont impost jista' jiżdied sal-eqreb ċifra u l-konsulati għandhom jiżguraw li jiġu imposti tariffi simili skont arranġamenti ta' koperazzjoni lokali ta' Schengen."*

Sar stħarriġ f'25 ġurisdizzjoni differenti madwar id-dinja. Permezz ta' dan l-istħarriġ instabu differenzi ta' sa 26 % fit-tariffa tal-viża imposta fil-munita lokali. F'xi postijiet, hemm evidenza li d-differenzi fit-tariffi imposti jwasslu għall-"visa shopping". Huwa partikularment diffiċli li ssir evalwazzjoni regolari tas-sitwazzjoni, minħabba li l-konsulati ta' xi Stati Membri ma jitħallewx jiddevjaw mir-rati tal-kambju li jiġu f'fissati b'mod ċentrali għat-tariffi konsulari kollha li jridu jiġu applikati mill-ambaxxati tagħhom f'pajjiżi oħrajn.

⁸ Tfal mill-età ta' sitt snin sa mhux aktar minn 12-il sena; detenturi ta' passaporti diplomatiċi u ta' servizz; persuni li m għandhomx aktar minn 25 sena li jipparteċipaw f'avvenimenti organizzati minn organizzazzjonijiet bla skop ta' qligħ.

3.4. Karta ta' informazzjoni komuni

Sabiex ikun jista' jkun hemm komunikazzjoni b'mod armonizzat, koerenti u trasparenti, il-KLS għandha tfassal karta ta' informazzjoni komuni li tkun tipprovdi informazzjoni dwar it-tipi differenti ta' viżi, proċeduri u kundizzjonijiet biex wieħed japplika għal tali viżi, eċċ. (l-Artikolu 48(2)).

F'xi postijiet tfasslu karti ta' informazzjoni komuni, filwaqt li f'postijiet oħrajn għadu għaddej ix-xogħol fuqhom. F'xi postijiet, teżisti l-fehma li dan ix-xogħol huwa superfluwu, għadarba l-Istati Membri diġà jipprovdu l-informazzjoni xierqa.

3.5. Skambju ta' informazzjoni

B'mod ġenerali, l-iskambju tal-informazzjoni huwa l-qalba tal-aġenda tal-laqgħat tal-KLS. Il-kwistjonijiet ivarjaw minn dawk marbutin maċ-ċirkustanzi lokali u ma' każijiet individwali ta' frodi, għal kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi u l-iskambju tal-istatistiki ta' kull xahar. Huwa partikularment importanti li jiġi eżaminat it-tluġ u l-inżul li jista' jkun hemm fil-figuri, inkluż l-għadd ta' viżi bi dħul multiplu maħruġin, u li jitqabblu r-rati tal-applikazzjonijiet li jiġu rrifjutati.

3.6. Sfidi għall-KLS fil-perjodu tar-rappurtar li jmiss

Uħud mill-ftit rapporti li semmew l-isfidi li jridu jiġu indirizzati rreferew għall-ħidma li għaddejja bħalissa fuq l-armonizzazzjoni tal-proċeduri, filwaqt li oħrajn semmew l-introduzzjoni u t-tħaddim tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (Visa Information System, VIS).

IV. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

Il-qafas legali għal KLS strutturata, inkluż l-involviment tal-Kummissjoni, għadu ma ħariġx il-potenzjal sħiħ tiegħu. Madankollu, ir-riżultati li nkisbu f'għadd ta' postijiet ewlenin taw prova tal-valur miżjud tal-KLS fir-rigward tat-tisħiħ tal-armonizzazzjoni tal-mod kif tiġi applikata l-linja politika komuni dwar il-viżi. Dan jikkontribwixxi għal kif l-applikanti u l-awtoritajiet lokali jaraw li għandha tkun linja politika li verament tiggarrantixxi trattament indaqs u ġust. Jekk il-Koperazzjoni Lokali ta' Schengen tittejjeb, dan jikkontribwixxi biex tissaħħaħ il-kredibbiltà tal-linja politika komuni tal-UE dwar il-viżi, biex il-vantaġġi għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jsiru tanġibbli u, fl-aħħar mill-aħħar, biex titnaqqas il-pressjoni biex isiru ftehimiet għall-faċilitazzjoni tal-viża. Sabiex il-KLS tkompli tittejjeb, u sabiex jiġi żgurat li fil-postijiet kollha jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-kompiti tal-qalba tagħha, qed jiġu proposti l-azzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin. Minħabba l-limiti fuq ir-riżorsi fid-delegazzjonijiet u skont l-arranġamenti amministrattivi eżistenti, ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin se jiġu implimentati biss fid-delegazzjonijiet li se jkunu qed iżommu l-istess għadd ta' membri tal-persunal li kellhom fis-snin ta' qabel, jew iżiduh.

(a) ir-rwol tad-delegazzjonijiet tal-UE

- Fil-perjodu bejn l-2010 u l-2012 il-ħidma kruċjali tal-KLS twettqet mill-persunal f'għadd dejjem jikber ta' delegazzjonijiet tal-UE. Din il-koperazzjoni se tibqa' għaddejja bl-istess volum ta' xogħol għall-persunal tad-delegazzjonijiet, u l-enfasi se tintefa' fuq pajjiżi prijoritarji bħal dawk tal-PEV

u s-sħab strateġiċi tal-UE. Il-qsim tal-piż mal-ambaxxati u l-konsulati tal-Istati Membri f'dawn il-pajjiżi se jikkontribwixxi biex il-KLS taħdem aħjar.

- Irid jinħatar punt ta' kuntatt tal-KLS fil-pajjiżi prijoritarji, jekk dan għadu ma sarx,
- il-punt ta' kuntatt għandu jkollu sehem attiv fil-KLS u għandu jassumi l-presidenza tal-laqgħat sabiex jiġu ggarantiti l-kontinwità u l-koerenza tal-koperazzjoni, b'mod li jikkunsidra l-possibbiltà li l-piż jinqasam mal-Istati Membri, e.g meta d-delegazzjoni tal-UE ma jkollhiex biżżejjed membri adatti tal-persunal biex twettaq xogħol marbut mal-KLS, dak ix-xogħol għandu jiġi ddelegat lil Stat Membru;
- fejn ikun rilevanti, għandha titjeb il-kordinazzjoni li ssir mal-KLS f'postijiet barra mill-bliet kapitali, possibbilment permezz tal-involvement tal-konsulat ta' Stat Membru bħala kordinatur lokali;
- fejn ikun rilevanti, f'koperazzjoni mal-konsulati tal-Istati Membri, il-KLS għandha tevalwa jekk il-kopertura konsulari fl-istat ospitant għandhiex tissaħħaħ u, jekk iva, tesplora l-iktar mod xieraq kif għandu jsir dan (pereżempju billi jiġi propost it-twaqqif ta' ċentri komuni ta' applikazzjoni). Dan isir partikolarment rilevanti hekk kif progressivament tiġi introdotta s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (il-VIS);
- f'koperazzjoni mal-missjonijiet diplomatiċi tal-Istati Membri, il-KLS għandha torganizza avvenimenti ta' informazzjoni flimkien mal-awtoritajiet tal-istat ospitant biex jippreżentaw il-politika komuni dwar il-viżi, l-aktar l-introduzzjoni reġjonali tal-VIS, biex b'hekk ma jkunx hemm kunċetti żbaljati jew f'każ li jkun hemm, biex dawn jiġu ċċarati. Id-Delegazzjonijiet tal-UE għandhom jiġbru informazzjoni minn ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar kif qed jiġi implimentat il-Kodiċi dwar il-Viżi (pereżempju billi tinfetaħ "kaxxa postali għall-ilmenti") u jirrapportaw il-problemi jew id-diskrepanzi fl-implimentazzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi u fil-politika komuni dwar il-viżi, l-aktar rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet għall-Faċilitazzjoni tal-Viża, bil-għan li tali problemi jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kummissjoni;
- taqsima tal-websajt tad-Delegazzjonijiet tal-UE għandha tkun iddedikata għal informazzjoni ġenerali dwar il-politika komuni dwar il-viżi.

(b) ir-rwol tal-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri

- il-persunal konsulari tal-Istati Membri għandu jiġi mgħarraf iktar dwar l-obbligi legali rigward il-"kompiti tal-KLS" previsti fil-Kodiċi dwar il-Viżi u dwar il-fatt li hemm fin-nofs il-kredibbiltà tal-UE, minħabba li ħafna ċittadini ta' pajjiżi terzi jiffurmaw l-opinjoni tagħhom dwar l-UE permezz tal-proċeduri tal-ħruġ tal-viżi;
- f'postijiet fejn ma hemmx Delegazzjoni tal-UE, l-Istat Membru għandu joffri li jinnomina l-konsulat tiegħu fil-post ikkonċernat biex jaġixxi bħala punt ta' kuntatt tal-KLS u biex jirrapporta direttament lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet tal-KLS.

- (c) ir-rwol tal-konsulati tal-Istati Membri:
- dawn għandhom jipparteċipaw b'mod kostruttiv u attiv fil-KLS u jkunu lesti li jaqsmu l-kompiti tagħha;
 - b'mod sistematiku huma għandhom jaqsmu rapporti komuni dwar il-KLS mal-awtoritajiet ċentrali tagħhom;
 - għandu jiġi organizzat taħriġ reġjonali dwar il-Kodiċi dwar il-Viżi għall-persunal konsulari tal-Istati Membri, l-aktar rigward l-introduzzjoni tal-VIS fir-reġjun ikkonċernat;
- (d) il-Kummissjoni f'koperazzjoni mal-SEAE:
- għandha ssaħħaħ il-kapaċità tad-delegazzjonijiet tal-UE u tal-punti ta' kuntatt tal-KLS, b'attenzjoni partikulari għar-reġjuni li għandhom volum għoli ta' xogħol, biex iwettqu l-kompiti tal-KLS billi:
 - (a) torganizza sessjonijiet iffukati ta' taħriġ/informazzjoni kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak reġjonali (f'koperazzjoni mal-SEAE), dwar l-applikazzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi (u l-Manwali) u l-implimentazzjoni tal-VIS;
 - (b) issaħħaħ in-netwerking fost il-punti ta' kuntatt tal-KLS, possibbilment billi torganizza seminar annwali fejn jistgħu jingħataw taħrif u aġġornamenti dwar l-Affarijiet Interni tal-UE u l-politiki relatati;
 - (c) ittejjeb il-"kitt ta' informazzjoni" bażiku tal-punti ta' kuntatt tal-KLS, inkluż mudell għal "karta ta' informazzjoni komuni" biex tkun żgurata komunikazzjoni dwar il-linja politika komuni tal-viżi;
 - (d) tagħmel reviżjoni tal-Parti II tal-Manwal għall-organizzazzjoni tas-sezzjonijiet tal-viżi u tal-koperazzjoni lokali ta' Schengen, biex tiċċara l-implimentazzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi rigward il-kompiti tal-KLS.

V. KUMMENTI FINALI

L-UE spiss titqies b'mod negattiv minn pajjiżi terzi minħabba l-proċeduri misturin u mhux trasparenti tagħha tal-ħruġ tal-viżi. Għal ħafna nies, l-ewwel kuntatt tagħhom mal-"Ewropa" jsir ma' konsulat ta' Stat Membru meta jkunu qed japplikaw għal viża. Għalhekk huwa importanti li l-Kodiċi dwar il-Viżi jiġi applikat kif suppost sabiex il-proċess jittejjeb, u b'hekk joffri lill-applikanti tal-viżi trattament trasparenti, ġust u indaqs. Il-KLS hija l-għodda ewlenija li tiggarantixxi l-implimentazzjoni konsistenti tal-Kodiċi dwar il-Viżi, filwaqt li tikkunsidra ċ-ċirkustanzi lokali.

Il-kompiti ewlenin li jridu jiġu eżegwiti skont il-Kodiċi tal-Viżi huma pjuttost speċifiċi u operattivi, u huwa essenzjali li fil-perjodu qasir dawn jitwettqu, l-aktar rigward l-armonizzazzjoni tal-lista ta' dokumenti ta' sostenn. Koperazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-qsim tal-piż bħala parti mill-KLS se jikkontribwixxu biex tinbena l-fiduċja fil-proċess.

L-implimentazzjoni tajba tad-dispożizzjonijiet tal-KLS u l-applikazzjoni tal-flessibbiltajiet previsti fil-Kodiċi dwar il-Viżi se jtejbu kif tidher il-politika komuni dwar il-viżi, u b'hekk tgawdi r-relazzjoni mal-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati.